MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2012

Numru. 404/2012

Il-Pulizija
(Sp Spiridione Zammit)
vs
Charlot Briffa, iben Joseph, Imwieled Pieta' fl-20 ta' Ottubru, 1981, karta ta' l-identita numru 579981(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fis-17 ta' April, 2012 għal ħabta tal-11.30 p.m. u fil-ħinijiet ta' wara, waqt li kien fi Triq id-Dejma, Fgura u f'dawn il-Gzejjer volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fuq bieb u parapet tar-residenza 'Dwejra', Triq id-Dejma, Fgura għad-dannu ta' ommu Mary Victoria Briffa mill-Fgura ta' 67 sena u/jew ta' persuni oħra liema ħsara ma tisskorriex l-€1,164.69 imma hi iżjed minn €116.47;

2. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi u/jew żminijiet qabel bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil ommu Mary Victoria Briffa, ta' 67 sena, mill-Fgura biża' li ser tintużavjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha, jew kontra l-persuna jew propjeta' ta' xi ħadd mill-axxandenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet;
3. talli fis-17 ta' April, 2012 fl-istess ċirkostanzi, u fl-għassa tal-pulizija tal-Fgura u f'dawn il-Gzejjer, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorita' jew ta' wħud inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma ħalliex jew fixkel lil dawn l-uffiċjali tal-pulizija waqt li kienu qed jagħmlu id-dmirijiet tagħhom, billi ma ħalliehomx jagħmlu dak li bil-liġi kienu ordnati li jagħmlu u jew jistgħu jagħmlu u billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor għamel skont il-liġi b'mod li jkun;
4. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi f'dawn il-Gzejjer b'xi mod ieħor mhux imsemmi band' oħra fil-Kodiċi Kriminali kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku;
5. talli fl-istess ċirkostanzi bil-lejl kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor;
6. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' ta' Mary Victoria Briffa mill-Fgura.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Mary Victoria Briffa u tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Mejju, 2012 fejn Mary Victoria Briffa tablet lil din il-Qorti sabiex ma toffriex ix-xhieda tagħha kontra ibnha l-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju, 2012 fejn l-imputat ammetta t-tielet, ir-raba', il-ħames u is-sitt akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 49, 50 u 338(dd)(ee)(m) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Probation Order fil-konfront ta' l-imputat għal perjodu ta' tlett snin. Tordna li min ser isegwi l-imputat għandu tikkordina program għar-riabilitazzjoni tiegħu flimkien mal-Caritas. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 412Ċ u 383 et seq. tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------